# *Ma'* Il-Mosta *nru 6 - Stampa nru 2 (sett: Knejjes u Kappelli)*

## *Il-Kappella ta' l-Assunzjoni ta' Marija (Ta' Żejfi)*



Skond digriet maħruġ fil-5 ta' Diċembru 1607 mill-Vigarju Ġenerali Dr Dun Filippo Borg, ingħata l-permess biex tinbena din il-kappella ċkejkna li llum tiġi fil-ġenb ta' l-istess triq traffikuża li fiha jinsab Mount St. Joseph, f'Tarġa Gap. Kien id-Duttur GioMaria Camenzuli li bena l-kappella preżenti flok oħra li kien hemm qabilha. Minħabba l-laqam ta' dan il-benefattur, il-kappella baqgħet magħrufa bħala 'ta' Żejfi'. Ma kienx biżżejjed li bniha, għax l-istess Camenzuli fil-11 ta' Awissu 1610 ħalla ġidu kollu għal din il-knisja.

F'din il-kappella, li qiegħda fil-parti tal-Mosta msejħa ta' Besbiżija, insibu kwadru tal-Madonna flimkien maż-żewġ eremiti San Pawl u San Anton. Dan mhux il-kwadru oriġinali għax l-ieħor kien insteraq. Meta l-pittura oriġinali kienet instabet, ma kenitx tpoġġiet lura fil-kappella iżda tqiegħdet fis-sagristija tar-Rotunda. Mill-bqija, il-ġewwieni tal-kappella hu sempliċi, jekk mhux għas-saqaf ċatt mistrieħ fuq ħnejjiet nofs tond. Issir Quddiesa speċjali l-Ħadd fuq il-festa ta' Santa Marija.

Ħarġu s'issa:
Ħarġa nru 5 - Stampa nru 1: It-Tieni Knisja Parrokkjali tal-Mosta - disinn ta' Tumas Dingli





Id-direzzjoni ta' **IL-MOSTA** tawgura xewqat sbieħ lill-Mostin kollha